MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Numru. 752/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR LUKE BONELLO**

**VS**

**MICHAEL GRECH**
**KIM CRITIEN**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Grech, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 545086 (M) u l-imsemmi Kim Critien, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 200484 (M).

**Akkuzati talli:**

Fit-22 ta' Jannar 2012 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta` filghodu (02.30a.m.) u t-tlieta ta` filghodu (03.00a.m.) gewwa San Giljan volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg ta' haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Adrian Muscat fejn l-ammont tal-hsara huwa izjed minn elf, mija u erba u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

U aktar talli fit-22 ta' Jannar, 2012 ghal habta tas-saghtejn nieqes kwart ta` filghodu ( 01.45a.m.) gewwa San Giljan;

· Ingurjaw jew heddu lil Adrian Muscat u lil Miriam Pace bil-kliem;

· U aktar talli stiednu lil Adrian Muscat u Miriam Pace ghall-glied;

· U aktar talli volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi peress li l-imputat Michael Grech kien ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kien wkoll hallas id-danni dovuti miz-zewg imputati lil Parte Civile, filwaqt li Kim Critien

ghazlet li tikkontesta l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ordnat separazzjoni tal-gudizzju.

Fil-konfront tal-imputat Michael Grech:

Semghet ix-xhieda;

Innotat l-ammissjoni bikrija tal-imputat Michael Grech fuq l-ewwel akkuzi;

Innotat li l-imputat Michael Grech kien hallas l-ammont ta' elf mija u ghaxar Euros (€110) lil Dr. Maria Azzopardi li kienet qieghda tidher ghal Parte Civile.

Rat il-fedina Penali netta tal-imputat Michael Grech;

Innotat il-kooperazzjoni tieghu mal-Awtoritajiet Investigattivi;

Tirrimarka li l-ammont dovut tad-danni kkagunati mill-imputati jregi biss taht l-Artikolu 325(1)(b) tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghaldaqstant in-vista tas-suespost tillibera lill-imputat Michael Grech bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) millum a tenur tal-artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi inoltre l-imputat volontarjament obbliga ruhu li ghal l-ebda raguni ma jkellem, jdejjaq jew jimmolesta lil Adrian Muscat.

Illi fil-konront tal-imputata Kim Critien:

Rat l-atti;

Semghet ix-xhieda ta' Michael Grech bil-gurament;

Tillibera lill-imputata stante x-xhieda cara tal-istess imputat Michael Grech.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------